

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2017 – Wanègue vs Il-Kumitat tar-Reġjuni**(Kawża T-682/15 P) <sup>(1)</sup>

**(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kundizzjonijiet tax-xogħol — Sahra — Xufier fi grad AST 6 — Tneħħija tad-dritt għal allowance fissa ta' sahra — Opportunitajiet ugwali għall-partijiet — Obbligu ta' motivazzjoni — Żbalji ta' liġi — Żnaturament tal-fatti”)**

(2017/C 374/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Patrick Wanègue (Dilbeek, il-Belġju) (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Appellat: Il-Kumitat tar-Reġjuni (rappreżentanti: J. C. Cañoto Argüelles u S. Bachotet, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Settembru 2015, Wanègue vs Il-Kumitat tar-Reġjuni (F-21/15, EU:F:2015:102), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Patrick Wanègue għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sustnuti mill-Kumitat tar-Reġjuni fil-kuntest ta' din l-istanza.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 59, 15.2.2016.**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2017 – Banca Monte dei Paschi di Siena u Banca Widiba vs EUIPO – ING-DiBa (WIDIBA)**(Kawża T-83/16) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea WIDIBA — Trade mark nazzjonali preċedenti DiBa — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (CE) Nru 207/2009 — Inammissibbiltà tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Dmir ta' viġilanza”]**

(2017/C 374/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Banca Monte dei Paschi di Siena SpA (Siena, l-Italja) u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: L. Trevisan u D. Contini, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u J. García Murillo, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: ING-DiBa AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Gerling u M. Wolpert-Witzel, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-26 ta' Novembru 2015 (Każijiet magħquda R 112/2015-2 u R 190/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ING-DiBa u Banca Monte dei Paschi di Siena.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Banca Monte dei Paschi di Siena SpA u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) huma kkundannati għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 13.6.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2017 – Banca Monte dei Paschi di Siena u Banca Widiba vs EUIPO – ING-DiBa (widiba)**

(Kawża T-84/16) <sup>(1)</sup>

*["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea widiba — Trade mark nazzjonali preċedenti DiBa — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (CE) Nru 207/2009 — Inammissibbiltà tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Dmir ta' viġilanza"]*

(2017/C 374/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Banca Monte dei Paschi di Siena SpA (Siena, l-Italja) u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: L. Trevisan u D. Contini, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u J. García Murillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* ING-DiBa AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Gerling u M. Wolpert-Witzel, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-26 ta' Novembru 2015 (Każijiet magħquda R 113/2015-2 u R 174/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ING-DiBa u Banca Monte dei Paschi di Siena.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Banca Monte dei Paschi di Siena SpA u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) huma kkundannati għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 13.6.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2017 – Eurofast vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-87/16) <sup>(1)</sup>

*(Għajjnuna finanzjarja — Is – seba' programm qafas għall – azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni — Konvenzjoni ASSET — Deċiżjoni ta' rkupru permezz ta' tpaċċija ta' ċerti somom imħallsa wara awditu finanzjarju — Rikors għal annullament — Aspettattivi leġittimi — Klawżola ta' arbitraġġ — Terminu għall – komunikazzjoni tar – rapport ta' awditu — Prinċipju ta' kontradittorju — Eliġibbiltà tal – ispejjeż — Responsabbiltà kuntrattwali)*

(2017/C 374/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eurofast SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)